# L-ISKRITTURA MQADDSA U D-''DIVINA COMMEDIA'' TA' DANTE ALIGHIERI

*Ta'* LAWRENCE R. SCHIAVONE

Dawk il-kittieba li f'dawn l-aħħar mija u ħamsin sena tkellmu mid-*Divina Commedia* ta' Dante Allighieri, meta ġew biex isemmu l-ispirtu li minnu l-għaref poeta seta' ġie mnebbaħ biex jikteb l-opra tiegħu tal-għaġeb, mhux dejjem taw kif kien jixraq importanza lis-sehem li kellha l-Iskrittura Mqaddsa fil-ħolma poetika ta' dak li d-dinja kollha sa minn snin kbar tqies bħala "divin poeta". Ħafna minnhom dehrilhom li Dante kien fassal ix-xogħol kbir tiegħu fuq dak ta' kittieba pagani, l-aktar fuq Virġilju, li lejh kellu qima kbira u li lilu għażel bħala gwida tiegħu biex joħorġu mill-bosk tad-dnub u jwasslu, wara vjaġġ ta' biża' u niket, fl-infern u ta' sogħba fil-purgatorju, sal-quċċata tal-Ġenna ta' l-Art. Aħna ma rridux b'xi mod in-naqqsu d-dejn li Dante kellu lejn il-kittieba klassiċi, l-aktar f'dik li hija sengħa tal-kitba u sbuħija letterarja; irridu biss insostnu li wisq akbar huwa s-sehem li kellha l-Bibbja fid-*Divina Commedia*, mhux biss imħabba s-suġġett għoli u reliġjuż magħżul mill-poeta, imma wkoll imħabba l-eżempji meħudin mill-Iskrittura li bihom inqeda Dante biex iwasslilna t-tagħlima tiegħu li biex naslu għand Alla jen-ħtieġ qabel kollox li naraw il-kruha tad-dnub, nindmu minn ħtijietna, u nimxu fit-triq tas-sewwa.

Nistgħu ngħidu bla tlaqliq li l-istorja tal-bniedem u t-tagħlim t'Alla li l-Iskrittura Mqaddsa tqegħdilna quddiemna nsibuh fl-opra kbira ta' Dante mhux biss bħala tiżjin li jsebbaħ u jkabbar il-poeżija tiegħu, imma qabel u fuq kollox sustanza u sisien ta' dawk il-veritaj-jiet li l-poeta żgur kien tgħallem fi tfulitu u li wara, imsaħħin mill-esperjenza qarsa ta' l-eżilju, ried iħallilna. Alla huwa t-triq, is-sewwa u l-ħajja; fl-imħabba tiegħu lejna ried jibgħat lil Ibnu biex jeħlisna mill-madmad tad-dnub, imma biex naslu għandu wriena li jeħtieġ li aħna nimxu fuq it-tagħlim tiegħu kif insibuh fil-Kotba Mqaddsa u taħt it-tmexxija tal-Knisja ta' Kristu. Wara li Beatrice tfiehem lil Dante kif m'għandna qatt nonqsu mill-wegħda li nagħmlu 'l Alla tispiċċa b'dawn il-kelmiet li għalina l-insara għandhom tifsira kbira:

*Siate, Cristiani, a muovervi più gravi:*
*non siate come penna ad ogni vento,*
*e non crediate ch'ogni acqua vi lavi.*
*Avete il novo e 'l vecchio Testamento,*
*e 'l pastor de la Chiesa che vi guida:*
*questo vi basti a vostro salvamento.* (Par. V 73-78)

Bħalma naraw għalhekk mill-kelmiet ta' Beatrice, li fiha l-poeta jara x-xbieha tal-għerf bla qies t'Alla, il-Kotba Mqaddsa għandhom inisslu fina l-insara qima u mħabba lejn il-kelma t'Alla miktuba. Dante jurina wkoll kif għandna nilqgħu u nobdu t-tagħlim tal-Bibbja kif imfisser lilna mir-Ragħaj ta' l-erwieħ li Kristu ħalla fuq l-art biex imexxina fit-triq għall-ħajja ta' dejjem. Miskin mela min igħawweġ għax hekk jaqbillu l-kelma ta' l-Iskrittura biex ikun jista' jaqdi x-xewqat ħżiena tiegħu ta' kburija, żina jew regħba. Aktar 'il quddiem insibu lill-poeta jċanfar bi kliem iebes, dejjem b'mezz ta' Beatrice, lil dawk li ma jimxux fuq it-tagħlim ta' l-Iskrittura jew idawru kif jidhrilhom is-sens tagħha:

*Voi non andate giù per un sentiero*
*filosofando: tanto vi trasporta*
*l'amor de l'apparenza e 'l suo pensiero.*
*E ancor questo qua su si comporta*
*con men disdegno, che quando è posposta*
*la divina Scrittura, o quando è torta.* (Par. XXIX 85-90)

Dante mela għaraf il-kobor u l-qdusija ta' l-Iskrittura u ħass il-ħtieġa li l-ispirtu tagħha ma kellux jitbiddel skond kif wieħed jaqbillu, imma li kull nisrani, bħala iben fidil tal-Knisja kellu jimxi fuq it-tifsir tagħha ta' dawn il-Kotba għeżież għax Hi biss kienet imnebbha mill-Ispirtu Santu biex tagħmel dan, u Lilha biss kienet mogħtija s-setgħa biex tgħallem lill-ġnus kollha t-triq tas-sewwa. Dmir ukoll tal-veru nisrani, iżid igħidilna l-poeta, huwa dak li jaqra l-Bbibja biex ikun jista' jifhem aħjar is-sbuħija u s-siwi tal-kelma t'Alla:

*Però necessità fu a li Ebrei*
*pur l'offerire, ancor ch'alcuna offerta*
*si permutasse, come saver dei.* (Par. V 49-51)

Il-kbir poeta għex fi żmien li fih l-Ewropa kienet bdiet tistenbaħ min-nagħsa tqila li kienet waqgħet fiha wara l-waqgħa ta' l-Imperu ta' Ruma. Fil-qagħda imwiegħra tal-ħajja ta' żmienu Dante fehem li

ċ-ċiviltà ġdida ta' l-Ewropa kienet tista' tinbena biss fuq żewġ sisien sodi: l-għaqda politika taħt sultan wieħed, u dik reliġjuża taħt il-Vikarju ta' Kristu. Dmir tas-sultan kellu jkun dak li jħares il-libertà ċivili taċ-ċittadini fil-waqt li l-Knisja kellha tilqa', tħaddan u tfisser lill-fidili nsara l-Kotba Mqaddsa u fuqhom timxi fit-tagħlim tagħha lejn il-ħajja ta' dejjem. Dante, għalhekk, bħala iben fidil tal-Knisja ta' Kristu ma setax jonqos li ma jżidx ma' l-istudju tiegħu dak ta' l-Iskrittura li huwa aċċetta bħala "summa fidei". Kien iħossu żgur li min ma jafx il-Bibbja ma jafx lil Kristu u l-missjoni tiegħu qaddisa fuq din l-art. Fid-*Divina Commedia* nsibu msemmija bosta drabi l-kelma tat-Testment il-Qadim u tat-Testment il-Ġdid. Taħt forma poetika u b'sengħa tassew tal-għaġeb il-poeta, li kif igħidilna F. De Sanctis, kellu fidi qawwija f'Alla, irnexxielu jwassal lill-qarrejja tiegħu l-messaġġ li Alla għoġbu jħalli fil-Kotba Mqaddsa.

Nixtiequ għalhekk f'għeluq is-seba' mitt sena mit-twelid ta' Dante, insemmu x'uħud mill-persunaġġi bibliċi li niltaqgħu magħhom fl-opra kbira tiegħu, kif ukoll xi ftit passi mill-Bibbja li nsibu msemmijin fil-*Commedia*. Dawn il-persunaġġi u dawn l-episodji l-poeta jqiegħed quddiemna biex b'mezz tagħhom jurina kif id-dnub ikerrah ir-ruħ tal-bniedem u kif il-virtù tressaq ir-ruħ qaddisa lejn it-Tron t'Alla.

* * *

## FID-DLAM U L-KRUHA TA' L-INFERN

Mitlufa l-ħajja tal-grazzja mħabba d-dnub u mfixkel mill-vizzju milli jilħaq it-triq tas-sewwa, Dante jibża'; iħossu jaqta' qalbu u jkun sejjer jintilef meta jidhirlu Virġilju, mexxej, sid u mgħallem tiegħu. Wara li jwissih li biex jikseb mill-ġdid il-ħbiberija t'Alla jinħtieġ li l-ewwel jara l-kruha tad-dnub u jħoss vera ndiema ta' ħtijietu, Virġilju jistqarr li kienet il-Madonna li rat il-periklu li fih kien jinsab Dante u ħasbet biex twassallu l-għajnuna qaddisa tagħha biex ikun jista' jintrefa' mill-qiegħ li fih sab ruħu. F'Marija Santissima naraw għalhekk il-medjatriċi bejn Alla u l-midinbin. Virġilju kien ġie mgħarraf b'dan minn Beatrice:

*Donna è gentil nel ciel, che si compiange*
*di questo impedimento ov'io ti mando,*
*si che duro giudicio là su frange.* (Inf. II 94-96)

Imqawwi mill-kelmiet ta' Virġilju u mill-ħsieb li Beatrice qiegħda tgħasses fuqu biex isalva ruħu, Dante jibda l-vjaġġ tiegħu. Imma kif jidħol mill-bieb iwaħħax ta' l-infern isib dlam qawwi, jisma' biki,

tnehid u kliem faħxi, iħoss dieqa, jinfexx jibki u bid-dmugħ f'għajnejh jitlob lill-mexxej tiegħu igħidlu x'inhu dak li qed jisma'. Huma l-erwieħ, iwieġeb Virġilju, ta' dawk il-midinbin li f'ħajjithom urew għażż fil-ħwejjeġ t'Alla. Fosthom Dante jilmaħ

*l'ombra di colui*
*che fece per viltà lo gran rifiuto.* (Inf. III 59-60)

X'uħud jaraw f'dan il-midneb lil Esaù bin Iżakk li għal ftit għazz mar ibigħ lil ħuh tewmi d-drittijiet tal-primoġenitura. Kummentaturi oħrajn jaħsbu li Dante ried jitkellem fuq Pilatu li mbażża' mit-tehdid tal-Lhud spiċċa biex telaq lil Ġesù bla ħtija f'idejn l-għedewwa tiegħu.

Il-poeta jkompli jimxi mrekken wara Virġilju, jara lid-demonju Caronte jġorr l-erwieħ mitlufa fid-dgħajsa misħuta tiegħu, u wara raqda mbażża', li fiha jiġi mgħoddi bla ma jaf kif minn fuq ix-xmara infernali ta' Akeronti, isib ruħu fil-Limbu. Hawn, kif tgħallimna l-Knisja Mqaddsa, jinsabu l-erwieħ ta' dawk li mietu mingħajr ma ġew maħsulin mill-ilma ħaj tal-magħmudija. Il-poeta Virġilju jirrakkonta lil Dante il-wasla ta' Kristu fil-Limbu wara l-passjoni u l-mewt tiegħu biex jeħles u jtella' miegħu fis-Sema l-erwieħ tal-patrijarki u tan-nies qaddisa ta' l-Antik Testment li kienu rabtu r-rieda tagħhom mar-rieda t'Alla u b'xi mod kienu hejjew it-triq għall-miġja tal-Feddej:

*"Io era nuovo in questo stato,*
*quando ci vidi venire un possente,*
*con segno di vittoria, coronato.*
*Trasseci l'ombra del primo parente,*
*d'Abel suo figlio e quella di Noè,*
*di Moisè legista e obediente;*
*Abraam patriarca e David re,*
*Israel con lo padre e co' suoi nati*
*e con Rachele, per cui tanto fè,*
*ed altri molti; e feceli beati.* (Inf. IV 52-61)

Aktar 'il quddiem, fil-waqt li jkunu neżlin dejjem 'l isfel lejn il-qiegħ ta' l-infern, Dante jilmaħ oqbra b'nirien kbar ħerġin minnhom u jistaqsi jekk jistax jara xi ruħ minn dawk li jinsabu fihom, għax għalkemm l-għatu tal-oqbra hu merfugħ l-ebda ruħ ma tidher. L-imgħallem tiegħu iwieġeb li t-talba ta' Dante tista' tiġi mismugħa, għaliex biss wara l-aħħar ħaqq dawk l-oqbra jingħalqu darba għal

dejjem meta l-erwieħ li issa hemm fihom ikunu ġew lura mill-wied ta' Ġosafat flimkien mal-ġisem li magħhom kien dineb f'din il-ħajja billi ħaddan u xerred ereżiji kontra s-Sewwa t'Alla:

*"Tutti saran serrati*
*quando di Iosafat qui torneranno*
*coi corpi che là su hanno lasciati".* (Inf. X 10-12)

Kliem li jmissu jagħtina ħafna x'naħsbu u x'nixtarru!

Wara li r-ruħ mitlufa ta' Farinata degli Uberti, mgħargħra finnirien ta' wieħed mill-oqbra, tkellem lil Dante u tħabbarlu li ma jdumx ma jkun imkeċċi minn Firenze — wieħed mill-isbaħ episodji ta' l-opra danteska — dan flimkien mal-poeta kbir ta' Ruma jdur max-xellug u jitbiegħed minn dawk l-inħawi. Hawnhekk Virġilju jfiehmu kif inhi mqassma dik in-naħa ta' l-infern li għadhom ma rawx; fost ħwejjeġ oħra jsemmilu l-post fejn qegħdin ibatu l-erwieħ ta' dawk li dinbu kontra n-natura billi mxew fuq l-eżempju ħażin tannies ta' Sodoma li minnhom insibu miktub fil-Ġenesi:

*e però lo minor giron suggella*
*del segno suo Sodoma e Caorsa*
*e chi, spregiando Dio col cor, favella.* (Inf. XI 49-51)

Dante dejjem ħosbien jitlob lil Virġilju jħollu dubju ieħor: għala l-użura toffendi 'l Alla u mhux tolqot biss lill-proxxmu? L-imgħallem iwieġeb billi jwiddbu li min jagħsar demm il-proxxmu bla ma jaqla' x'jiekol bl-għaraq ta' ġbinu ikun qiegħed joffendi 'l Alla billi jmaqdar in-natura u l-arti, jiġifieri l-prodotti ta' l-art u x-xogħol meħtieġ biex il-bniedem jaqlagħhom: Il-Ġenesi, ikompli jgħidlu, jitkellem ċar:

*Da queste due, se tu ti rechi a mente*
*lo Genesi dal principio, convene*
*prender sua vita ed avanzar la gente.* (Inf. XI 106-108)

Għajta ta' kundanna ħarxa nsibuha f'Dante kontra dawk ilmidinbin li jiltaqa' magħhom mgħaddsin rashom 'l isfel f'ħofor mimlija ilsna tan-nar. Huma dawk li mogħmijin mill-kobor u s-setgħa ta' din l-art biegħu jew xtraw f'ħajjithom ħwejjeġ imqaddsa u b'hekk ċappsu u tebbgħu ġieh il-Knisja. Hekk il-poeta jċanfar lil dawn l-erwieħ misħuta:

*O Simon Mago, o miseri seguaci*
*che le cose di Dio, che di bontate*
*deon essere spose, e voi rapaci*
*per oro e per argento adulterate;*
*or conven che per voi soni la tromba,*
*però che ne la terza bolgia state.* (Inf. XIX 1-6)

Fost dawn il-midinbin simonijaċi l-poeta jilmaħ lill-Papa Nikola III. Dan igħarraf lil Dante li ma ddumx ma tinżel miegħu fl-infern ir-ruħ tal-Papa Klementi V għaliex fuq l-art dan sejjer jimxi kif mexa Ġasone li fuqu jitkellem il-Ktieb tal-Makkabej. Ġasone, insibu f'dal-Ktieb imqaddes, kien sar saċerdot kbir tal-Lhud wara li kien xtara din id-dinjità bi 360 talent minn għand is-sultan Antijoku Epifane tas-Sirja:

*"Nuovo Iason sarà, di cui si legge*
*ne' Maccabei; e come a quei fu molle*
*suo re, così fia lui chi Francia regge".* (In. XIX 85-87)

Il-poeta hawn idur fuq dan il-midneb u mingħajr biża' u b'leħen qawwi jgħajjat:

*"Deh, or mi dì: quanto tesoro volle*
*nostro Segnore in pria da santo Petro*
*ch'ei ponesse le chiavi in sua balia?*
*certo non chiese se non — Viemmi retro. —*
*Nè Pier nè li altri tolsero a Mattia*
*oro od argento, quando fu sortito*
*al luogo che perdè l'anima ria.*

F'din l-għajta ta' kundanna li fiha nsibu msemmijin passi minn S. Mattew (IV, 19) u mill-Atti ta' l-Appostli (I, 21-26) inħossu li Dante mhux biss huwa l-bniedem politiku ta' Firenze li qiegħed jipprotesta f'ismu kontra dak li qed jara korrott fi żmienu, imma wkoll il-leħen ta' l-umanità li tmur teħodha kontra dawk ir-ragħajja li minflok ma jaħsbu għall-ħrief fdati f'idejhom, ifittxu biss li jitimgħu lilhom infushom u bl-imġiba tagħhom huma ta' skandlu għal dawn il-ħrief. Sewwa jitkellem fuqhom l-Evanġelista fl-Apokalissi:

*Di voi, pastor, s'accorse il Vangelista,*
*quando colei che siede sopra l'acque*
*puttaneggiar coi regi a lui fu vista:*
*quella che con le sette teste nacque,*
*e de le diece corna ebbe argomento,*
*fin che virtute al suo marito piacque.* (Inf. XIX 106-111)

Erwieħ oħra misħuta jara Dante huwa u nieżel lejn iċ-ċentru ta' l-infern: saħħara li fuq l-art dehrilhom li kienu jistgħu jaqraw il-ġejjieni, u issa mġegħlin iħarsu għal dejjem lura; dawk li f'ħajjithom ma nqdewx kif kien jixraq mill-uffiċċju li arthom kienet fdatilhom f'idejhom u hawn fl-infern jinsabu mgħaddsa f'żift iswed jagħli; ipokriti li għaxu wiċċ b'ieħor u ħbew taħt mant falz ta' qdusija l-ħsebijiet u x-xewqat ħżiena tagħhom. Dawn ta' l-aħħar il-ħaqq t'Alla waddab għal dejjem taħt kappa tqila taċ-ċomb li minn barra tidher tad-deheb. Waħda minn dawn l-erwieħ kellha sehem mhux ċkejken fil-mewt ta' Kristu: Qajfas, is-saċerdot il-kbir tal-Lhud li minn żmien twil kien waħħalha f'rasu li jeqred lil Ġesù. Ruħ oħra mitlufa turi lil Dante dik ta' Qajfas fil-waqt li tgħidlu:

"*Quel confitto che tu miri,*
*consigliò i Farisei che convenia*
*porre un uom per lo popolo a' martiri.*
*Attraversato è, nudo, ne la via,*
*come tu vedi, ed è mestier ch'ei senta*
*qualunque passa, come pesa, pria.* (Inf. XXIII 115-120)

Bħal Qajfas — tkompli tgħidlu din ir-ruħ — jinsab ikkastigat ħatnu Anna li ssieħeb miegħu biex ifittex il-mewt ta' Kristu flimkien mal-membri tas-Sinedriju. Ilkoll jinsabu msammrin ma' l-art biex minn fuqhom igħaddu l-erwieħ kollha li bħalhom urew wiċċ b'ieħor ma' tul il-ħajja tagħhom.

Minn din in-naħa jitbiegħdu Virġilju u Dante biex jinżlu aktar 'l isfel fil-fossa fejn jinsabu l-erwieħ ħżiena ta' dawk li bħal Ulisse u Diomede, li fuqhom jitkellem Omeru, inqdew bl-għaqal li bih kienu mżejna biex bi kliemhom u b'għemilhom iqarrqu bil-proxxmu tagħhom. Id-dehra ta' l-ilsna tan-nar li fihom huma moħbijin dawn l-erwieħ tfakkar lil Dante fil-karru tan-nar li kif tgħidilna l-Iskrittura ħeba lill-profeta Elija minn għajnejn id-dixxiplu tiegħu Eliżew:

*E qual colui che si vengiò con li orsi*
*vide 'l carro d'Elia al dipartire,*
*quando i cavalli al cielo erti levorsi,*
*che nol potea sì con li occhi seguire,*
*ch'el vedesse altro che la fiamma sola,*
*sì come nuvoletta, in su salire;*
*tal si move ciascuna per la gola*
*del fosso, che nessuna mostra il furto,*
*e ogni fiamma un peccatore invola.* (Inf. XXVI 34-42)

Eliżew — insibu fil-ktieb tas-Slaten — kien imżeblaħ mit-tfal ta' Bethel. Bħala kastig lin-nies ta' din il-belt li kienet rawmet lit-tfal fiż-żebliħ tal-veru twemmin, żewġ orsijiet ħarġu minn bosk, ħabtu għal dawn it-tfal u qatlu minnhom tnejn u erbgħin.

Dante qiegħed issa joqrob dejjem iżjed lejn iċ-ċentru ta' l-infern. Wara li jħalli l-inħawi fejn jinsabu ikkundannati l-ipokriti, isib ruħu flimkien ma' Virġilju quddiem xena tal-biża' li l-ebda lsien ta' bniedem ma jista' jfisser. Jieqaf biex iħares lejn il-midinbin li fid-dinja żerġħu ġlied, qanqlu taħwid jew b'xi mod ġiebu firda fost familji, ibliet u ġnus; jara ġej in-naħa tiegħu midneb b'rasu maqtugħa li qiegħed iżomm f'idu bħalkieku kienet lanterna; jisma' dik ir-ras tingħi fil-waqt li tistqarr dnubha. Hija dik ta' Bertrand dal Bormio li fil-qorti ta' l-Ingilterra għamlet minn kollox biex ixxewwex lill-prinċep Enriku kontra missieru Enriku II. Anqas daqsha ma kienet ħajjiena r-ruħ ta' Akitofel li fl-Iskrittura nsibu li xewwex lil Assalonne kontra missieru s-Sultan David:

*Io feci il padre e 'l figlio in sè ribelli:*
*Achitofel non fè più d'Absalone*
*e di David coi malvagi punzelli.* (Inf. XXVIII 136-138)

Ftit wara, fost l-erwieħ li dinbu billi gidbu u qarrqu bil-proxxmu tagħhom insibu lill-mara ta' Putifar, ministru tal-Fargħuni, li rnexxielha bil-gideb tbejjet lil Ġużeppi bin Ġakobb f'qalb żewġha u titfgħu l-ħabs bla ħtija. Dante jsejħilha "*la falsa che accusò Giuseppe*" (Inf. XXX 97).

Jaslu fl-aħħar iż-żewġ poeti fuq il-bir tal-Ġganti, hekk imsejjaħ għaliex sitt ġganti ta' kobor li ma jitwemminx jinsabu bla saħħa u mgħaddsa minn qaddhom 'l isfel f'bir iwaħħax bħala kastig talli ttantaw jilħqu t-tron t'Alla. Wieħed minnhom ilissen xi kliem li ma jiftiehemx, imma Virġilju jdur fuqu u jiksru fil-waqt li jgħarraf lil Dante min hu dak il-misħut ġgant:

*questi è Nembretto, per lo cui mal coto*
*pur un linguaggio nel mondo non s'usa.*
*Lascianlo stare e non parliamo a voto;*
*che così è a lui ciascun linguaggio*
*come 'l suo ad altrui, ch'a nullo è noto.* (Inf. XXXI 77-81)

Fil-figura ta' Nembrot Dante jgħaqqad elementi bibliċi u pagani.

Wara vjaġġ twil u ta' niket li fih Dante jara kull xorta ta' midinbin u kull xorta ta' kastig, jasal fl-aħħar fit-tarf tal-vjaġġ u jsib

ruħu ma' Virġilju fil-qiegħ ta' l-infern. Hawn qiegħed isaltan Luċifru li għall-kburija tiegħu jinsab imsammar fiċ-ċentru tad-dinja. Jeħtieġ li l-poeta hawnhekk iqawwi qalbu għax id-dehra tax-xitan hija tassew tal-biża'. "*Lo 'mperador del doloroso regno*" bi tlitt iħluq jidher iqatta' u jomgħod tliet midinbin li f'ħajjithom kienu waslu biex jitradixxu lil dawk stess li ma kenux għamlulhom ħlief ġid:

*"Quell'anima là su c'ha maggior pena"*
*disse 'l maestro, "è Giuda Scariotto,*
*che 'l capo ha dentro e fuor le gambe mena".*

(Inf. XXXIV 61-63)

L-oħrajn — żid jgħid Virġilju — huma Brutu u Kassju l-assassini ta' Ġulju Cesri.

Dante jintelaq ma' għonq Virġilju, flimkien jixxabbtu mas-suf ta' Luċifru u bi tbatija kbira jirnexxilhom isibu ruħhom in-naħa l-oħra ta' minn fejn kienu daħlu fl-infern.

*e quindi uscimmo a riveder le stelle.* (Inf. XXXIV 139)